ıepubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Pjazza San Kalċidonju
Floriana FRN 1530

18 ta' Ġunju 2021

# DENUNZJA

Sur Kummissarju,

Niktiblek fil-kapacita tieghi ta' President tal-Organizzazzjoni Volontarja Repubblika.

Permezz tal-prezenti qed ninfurmak formalment li lbieraħt lura – 16 ta' Ġunju 2021 – il-membru parlamentari Rosianne Cutajar ħabbret permezz ta' *post* fuq facebook li dakinhar stess kienet żaret ir-residenza tal-anzjani "Smartcare Dar Pinto" f'Ħal-Qormi. Fl-istess *post* Rosianne Cutajar ippubblikat diversi ritratti li fihom hi tidher tqassam lill-anzjani fl-imsemmija residenza boroż tal-plastik trasparenti b'lariġ u ritratti tagħha stess. L-istess fatti jirriżultaw minn *facebook post* simili – b'ritratti oħra - ta' l-imsemmija dar ta' l-anzjani fl-istess jum.

L-imsemmija residenza tal-anzjani tinsab fid-distrett elettorali li minnu Rosianne Cutajar ġiet eletta fil-Kamra tad-Deputati u li fih l-istess deputat ser terġa' tikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali li jmiss.

Hu ċar li dan it-tqassim ta' ikel sar bi ksur tat-Taqsima V tal-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Artikoli erbgħa u ħamsin sa sitta u ħamsin (Taqsima V, Art. 54 – 56) ta' l-isess taqsima.

Fid-dawl ta' dan, qed nitolbok formalment biex tinvestiga lill-membru parlamentari Rosianne Cutajar talli wettqet tali ksur tal-liġi.

Nistennew li l-istituzzjonijiet tal-Istat inkarigati biex jinfurzaw id-disposzzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-klijenteliżmu, il-politika tranżazzjonali u abbużi oħra fil-proċess demokratiku tagħna - inkluż il-Korp tal-Pulizija - jieħdu azzjoni deċisiva u f'waqtha biex tali prattiċi illegali jinqatgħtu darba għal dejjem.

L-inazzjoni li kien hawn matul is-snin f'dan ir-rigward hi waħda mir-raġunijiet għalfejn il-korruzzjoni hi aċċettata b'mod mifrux ħafna fis-sistema elettorali tagħna. Min iwettaqha għandu ċ-ċertezza li ser igawdi minn impunità sħiħa.

Flimkien ma' din l-ittra qed nibgħatlek kopja ta' l-imsemmija *facebook posts* u tar-ritratti pubblikati fihom.

Nistennew risposta u konferma minghandek li inti bdejt din l-investigazzjoni kriminali.

Inselli għalik,

**Dr Robert Aquilina**
President

29, Church Square, Mqabba MQB 1011
contact@repubblika.org

**Rosianne Cutajar**

16h ·

Aktar kmieni llum żort lill-anzjani tagħna u lill-ħaddiema ġewwa Dar Pinto f'Ħal Qormi.

Nemmen li bħali, kulħadd grat għas-sagrifiċċji bla qies, id-dedikazzjoni u għall-ħidma li qiegħda ssir biex l-anzjani tagħna jkollom l-aħjar kura u attenzjoni.




511

30 comments 30 shares













**Smartcare Dar Pinto**
19h · 

It is with great pleasure that today we recieved the visit of the Hon. Rosianne Cutajar at Dar Pinto. She greeted all our residents and presented them with a healthy gift in honour of yesterday's World Elder Abuse Awareness Day and of the upcoming Father's Day. We appreciate her gesture, which makes us feel even more part of the Hal Qormi community.














ROOM 22



